Avviz Nru:  1077/00

**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar, 2001

**Numru 1**

**Avviz.  numru 1077/00JR**

**Francis Busuttil & Sons Ltd**

**vs**

**Frederick Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Lulju, 2000, fejn intalab l-ammont ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm154.00) rapprezentanti bilanc minn prezz ta' merkanzija supplita lill-konvenut in konnessjoni man-negozju minnu gestit matul is-sena 1995;

Qed jintalbu wkoll l-interessi dekorribbli skond il-Ligi mill-14 ta' Awissu, 1995 sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament  notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Semgha x-xhieda ta' Michael Busuttil ghas-socjeta attrici.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzai kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995 jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija erbgha u hamsin lira Maltija (Lm154.00) bl-imghaxijeit legali mill-14 ta' Awissu, 1995 sa' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**